# Minuti

## Seduta Nru. 22/2012

Data: Il-Ħamis, 19 t' April 2012

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

---

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Mary Rose Mifsud – *Chairperson* |
| | Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru* |
| | Mario Xuereb – *Membru* |
| | Rudolph Cini – *Membru* |
| | Margareth Baldacchino Cefia – *Viċi Sindku, Kunsill Lokali L-imsida* |
| | Michael fenech Adami - *Sindku, Kunsill Lokali Birkirkara* |
| | Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | John Mary Zahra (Jimmy) – *Membru* |

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Preparazzjoni għal 'Ġieħ is-Swatar';
5. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
7. Għeluq u Aġġornament.

---

## Kontenut

Annex A   Minuti 22/2012

Annex B   Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 22/2012**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 21/2012 li saret nhar it-23 ta’ Marzu 2012 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Ma kien hemm ebda korrezzjonijiet fil-Minuti u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.1.3 –** Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai u ċ-*Chairperson* marru għand ir-resident li jrid li l-isleeping policeman titwal fejn ftehmu miegħu li sabiex din issir irid jikteb uffiċċjalment. Sakemm ma jiktibx, il-Kunsill ma jistgħax jagħmel ix-xogħol meħtieġ.

*Sleeping Policeman* fi Triq Indri Grima

**3.2** **Fuq punt 3.2 –** Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub jagħti dettalji fejn qal li l-kumpanija aċċettat li l-kunċert isir b’€200 u jibqgħu l-istess kundizzjonijiet. Il-Kumitat iddeċieda li dan il-kunċert jiġi propost li jsir fl-okkażżjoni ta’ Ġieħ is-Swatar (ara punt nru. 4)

Kunċert fl-okkazjoni tal-Festa ta' San Ġorġ Preca

**3.3** **Fuq punt 3.4 –** Il-Kumitat iddeċieda li d-dati tal-ewwel 4 sezzjonijiet tal-kors tal-BLS isiru t-Tnejn u l-Ġimgħa rispettivament bid-dati kif ġej: 4,8,11,15,18,22,25 u 28 ta’ Ġunju 2012.

Basic Life Support.

## 4. Preparazzjoni għal ‘Ġieħ is-Swatar’;

**4.1** Il-Kumitat irċieva nomina waħda għal Ġieħ is-Swatar. Iddiskuta u ddeċieda kif ġej:

Sotto Kumitat

Is-Sotto Kumitat sabiex jiddeċieda jekk in-nomina tkunx valida ikun kompost mit-tlett Segretarji Eżekuttivi li huma: Is-Sur Arthur Pizzuto - Kunsill Lokali Birkirkara, Is-Sur Matthew Dimech - Kunsill Lokali L-Imsida, u s-Sur Christopher Galea - Kumitat Amministrattiv tas-Swatar. Barra li jaraw jekk l-applikazzjoni hix valida, jridu wkoll jipproponu lill-Kumitat programm ta’ kif għandha tkun is-serata ta’ Ġieħ is-Swatar u min għandu jkun mistieden.

Il-ġurnata ta’ Ġieħ is-Swatar għandha tkun nhar it-8 ta’ Ġunju 2012 fis-7:15pm u kull sena ssir fl-ewwel ġimgħa ta’ Ġunju 2012.

## 5. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;

**5.1** Is-Sur Mario Xuereb qal li peress li issa, fs-27 ta’ Mejju 2012 ser tibda r-rotta ‘l ġdida 123 tas-Swatar, il-Kumitat irid jara eżatt minn fejn ser tgħaddi sabiex il-Kumitat jaċċerta ruħu li l-bus tgħaddi mill-bustops kollha tas-Swatar.

Rotta Arriva

**5.2** Is-Sur Mario Xuereb issuġerixxa li peress li l-istima tar-restawr hija għolja (€143,000), il-Kumitat japplika għal għajnuna tal-fondi mill-Unjoni Ewropea. Il-Kumitat qabel unanimamnet.

Restawr tal-Graffiti

**5.3** Is-Sinjura Yvonne Spiteri għaddiet żewġ ilmenti biex jittieħed azzjoni fuqhom li huma railing tal-bustop fi Triq is-Swatar, jitnaddaf il-ġnien, u yellow line quddiem dar issir sħiħa. Diversi Ilmenti

## 6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**6.1** *Iċ-Chairperson* qalet li meta jsiru l-kummenti fuq facebook, dawn għadhom isiru dejjem bħala Kumitat. Wara diskussjoni, il-Kumitat approva li fuq il-facebook, il-membri tal-Kumitat jikkumentaw idividwali mentri s-Segretarju Eżekuttiv biss jikkummenta bħala Kumitat Amministrattiv. Facebook

## 7. Għeluq u Aġġornament.

**6.1** Il-laqgħa spiċċat fis-7:30pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Mejju 2012, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

**Annex B**

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| **3.3** | Basic Life Support. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **4.1** | Sotto Kumitat Ġieħ is-Swatar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **5.1** | Rotta Arriva | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **5.2** | Restawr  tal-Graffiti | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **5.3** | Diversi Ilmenti | Aġent Segretarju Eżekuttiv |